**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

**Seduta numru 37 tas-Sitt Leġislatura**
**Illum it-Tlieta 20 ta' Diċembru 2011**

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Kommunikazzjonijiet*
4. *Annallizzar tal-4 sejħiet ta' kwotazzjonijiet*
5. *Ismijiet tat-Toroq*
6. *Servizz ta' tindif tal-Uffiċċju Ammisitrattiv*
7. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Id-Deputat Sindku, Eman Vella, kien skuzat.

Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**
*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

*Punti mill-Minuti*

1.2 Dwar l-offerti miġbura: is-Sindku spjega li wara evalwazzjoni li saret dwar l-offerti miġbura dwar is-siġġijiet u l-ispejjeż involuti, kien qed jiġi propost li jitnaqqsu l-ammont ta' siġġijiet li ser jinxtraw għall-Board Room. Il-Kunsill qabel dwar dan.

1.3 dwar punt 3.1 – Clayton Gauci informa li hu u s-Sindku kienu ser jiltaqgħu ma' din il-persuna dwar evalwazzjoni tar-restawr tas-Silos tal-qamħ f' Tal-Palma u li ser ikunu qed iressqu aktar dettalji wara din il-laqgħa.

1.4 dwar punt 9 – Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva proposta min-naħa ta' Heritage Malta biex jingħata Ġieħ l-Imġarr lill-Profs. David Trump. Is-Sindku laqa' l-proposta u ser iressaqqha quddiem is-Sotto Kumitat biex din tiġi evalwata. Ser tiġi diskussa ukoll il-proposta ta' Heritage Malta li ssir eżibizzjoni ta' oġġetti relatati maż-żewġ tempji Neoltiċi fl-Imġarr in konnessjoni ma' Ġieħ l-Imġarr.

1.5 dwar punt 10.3 – Is-Sindku informa li kien inxtara s-sellum fuq l-irħas offerti miġbura.

**2 Korrispondenza**

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*. Dawn ġew diskussi u ttieħdu deċiżjonijiet dwarhom.

2.3 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.4 Ittra dwar fondi miksuba mill-Kunsill Lokali taħt l-iskema Aċċessibilita' Aħjar tal-Lokalita'.

2.5 Acknowledgement tal-applikazzjoni tal-Kunsill għall-fondi taħt Misura 125 dwar manutenżjoni ta' passaġġi fil-kampanja mill-Fondazzjoni Majjistral.

2.6 Ittra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tawtorizza il-ħruġ ta' applikazzjoni għall-ħaddiem mal-Kunsill fuq bażi part-time.

2.7 Korrispondenza mingħand Heritage Malta li diġa' saret referenza għaliha f' punt 1.4 aktar 'il quddiem.

Kunsill Lokali Mġarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Is-Sindku informa li parti mid-dekorazzjonjiet tal-Milied twaħħlu fiż-Żebbiegħ (qrib il-knisja ta' Sant' Anna) minflok mar-roundabout ta' Binġemma kif kien ippjanat oriġarjament. Dan wara li ġie kkonstatat b' hekk dan id-dawl seta' jitgawda aħjar.

3.2 Is-Sindku informa dwar laqgħa li hu u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mas-Sur Joe Attard ta' Green MT. F' din il-laqgħa saret evalwazzjoni tas-sitwazzjoni preżenti kif ukoll dwar possibilitajiet ta' proġetti ġodda ta' riċiklaġġ li ser jinbdew fl-2012.

3.3 Is-Sindku informa wkoll li kien ser isir kalendarju ta' sena sħiħa dwar il-ġbir tal-iskart mid-djar fil-fest pubbliċi ta' matul l-2012. Dan għandu jservi biex ir-residenti jkun infurmati u jippjanaw u jikkollabaraw aħjar.

3.4 Is-Sindku informa wkoll li Dame F. Tempra kienet ser tniehdi it-Tempra Accademy (Eżibizzjoni ta' l-Arti) fil-bini tal-Kunsill u din ser tkun miftuħa f' attivita' nhar is-Sibt 7 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill ser ikun qed jgħin f' din l-attivita' kulturali.

3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq kommunikazzjoni 'in absentia' ta' Eman Vella, fejn dan informa li l-pubblikazzjoni 'Il-Miġbħa' kienet tinsab għand l-istampatur u ser titqassam lir-residenti fil-ġranet li ġejjin.

**4. Annallizzar tal-4 sejħiet ta' kwotazzjoni**

4.1 L-offerti tal-kwotazzjonijiet kienu qed jiġu evalwati. L-offerta tas-siġġijiet kienet ftit kumplessa minħabba l-ammont u n-numru tas-siġġijiet differenti rikjesti.

4.2 Dwar l-offerti relatati mal-website, ġie deċiż li ssir laqgħa ma' tnejn mill-offerenti li kienu jidhru l-aktar vantaġġjużi. Dawk kienu il-KIC Malta u l-Hive Info Systems. Dawn il-laqgħat magħhom kienu ser isiru fil-ġimgħat li ġejjin.

**5. Ismijiet ta' toroq**

5.1 Saret lista ta' toroq li attwalment jinsabu mingħajr isem biex jinbeda' l-proċess biex dawn jingħataw isem. Dawn huma:

- Triq bejn Triq il-Fuħħar l-Aħmar u Triq Sir Temi Zammit
- Misraħ tal-knisja taż-Żebbiegħ
- Triq qrib Triq Sir Temi Zammit parallella ma' Triq Skorba
- Triq ewlenija mir-Roundabout ta' Wied Qlejgħa saż-Żebbiegħ
- Sqaq fi Triq Sir Temi Zammit
- Triq fl-inħawi tal-Armaġġ ( f' ta' Maħlutu)
- Sqaq numru 1 fi Triq il-Kbira
- Triq ħdejn il-Palazz ta' Strickland (bejn Triq il-Mosta u Triq Binġemma)
- Triq ġdida fi' Triq il-Kbira
- Sqaq ġdid fi Triq Sir Harry Luke (ħdejn il-Barriera l-Antika)
- Triq fejn iċ-ċimiterju
- Triq faċċata taċ-Ċimitrerju.

**6. Servizz ta' Tindif tal-Uffiċċju Amministrattiv**

6.1 Is-Sindku informa dwar is-sitwazzjoni tat-tindif tal-Uffiċċju Amministrattiv. Semma' kif il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Cleaner attwali fejn fiha spjegat li tinsab indisposta għall-4 ġimgħat. Għaldaqstant il-Kunsill, biex ma jħallix il-bini mingħajr tindif, sab alternattiva b' urġenza u offra li s-Sinjura Mifsud tingħata l-inkarigu ta' dan ix-xogħol sakemm il-Kunsill ikun qed jevalwa l-isviluppi f' dan il-każ.

**7. Mixxellanji**

7.1 Is-Sindku informa li peress li kien skada il-kuntratt tas-servizz taż-żewġ handimen mal-Kunsill, kien qed jipproponi extension ta' 3 xhur għaż-żewġ handimen attwali sakemm toħroġ sejħa għall-tender għall-dan is-servizz. Il-Kunsill approva kemm l-extension kif ukoll is-sejħa tat-tender.

7.2 Is-Sindku informa bil-bżonn li tinħareġ sejħa għall-ġbir ta' kwotazzjonijiet għall-ismijiet neqsin minn monumenti u ġebliet kommemorattivi. Il-Kunsill approva dan.

7.3 Is-Sindku nforma li kien hemm bżonn ta' manutenżjoni u tħawwil ta' siġar fejn il-ġibju fl-inħawi ta' Triq il-Mosta. Il-Kunsill appriva dan ix-xogħol u tħawwil.

7.4 Maria Said semmiet il-problema ta' rimi ta' skart fi Triq Santa Marija. Is-Sindku ser ikellem lil Perit biex jara kif l-aħjar li tissolva din il-problema billi jsir parking bays f' din iż-żona.

7.5 Clayton Gauci semma' li kellu aktar nies li xtaqu jattendu għall-kors tal-food handling. Dan il-kors għandu jsir fil-ġimgħat li ġejjin, possibilment lejn l-aħħar ta' Jannar.

# Kunsill Lokali Mġarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt


ŻGHIR B'QALB KBIRA

7.6 Clayton Gauci semma' wkoll il-problema li teżisti fi Triq Andrea Deguara dwar parking fuq bankina. Is-Sindku informa li ser ikun qed jitkellem dwar din il-problema mal-Kumitat Konġunt biex tinstab soluzzjoni.

7.7 Clayton Gauci semma' t-tabella ta' 'Merħba' fil-lokalita', li kienet ġet diskussa xi numru ta' seduti ilu. Il-Kunsill approva li toħroġ sejħa għall-kwotazzjonijiet dwar din it-tabella.

7.8 Ittieħdet id-deċiżjoni li l-ikla tal-Milied tal-Kunsilliera u l-istaff issir wara l-festi. Ġie ppjanat li din issir il-Ħamis, 19 ta' Jannar.

**Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fit-8:35pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 11 ta' Jannar 2012 fil-5.30pm, fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku